REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2293

tat-18 ta' Novembru 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi bi pjan ta' kontroll approvat dwar l-użu ta' sustanzi farmakoloġikament attivi, il-limiti ta' residwi massimi tas-sustanzi farmakoloġikament attivi u tal-pestiċidi u l-livelli massimi ta' kontaminanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE ([1]) u 91/664/KEE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29(1), ir-raba' subparagrafu, u l-Artikolu 29(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli għall-kontrolli uffiċjali u għal attivitajiet ta' kontroll oħrajn imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex tiġi verifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, fost l-oħrajn, fil-qasam tas-sikurezza alimentari fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni. B'mod partikolari, huwa jistabbilixxi li huma biss il-kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu li jidher fuq lista mħejjija mill-Kummissjoni għal dak l-iskop li għandhom jidħlu fl-Unjoni.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 ([3]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom sabiex jiġi żgurat li jikkonformaw mar-rekwiżiti relevanti stabbiliti fir-regoli dwar is-sikurezza tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 jew mar-rekwiżiti rikonoxxuti għallanqas bħala ekwivalenti tiegħu. B'mod partikolari, ir-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 jidentifika l-annimali u l-oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem li huma soġġetti għar-rekwiżit li jiġu minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu, li jidher fil-lista msemmija fl-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

([1]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta' Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 ([4]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mal-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

(4) Ir-Regolament (UE) 2017/625 ħassar id-Direttiva 96/23/KE, iżda jipprevedi li l-Artikolu 29(1) u (2) ta' dik id-Direttiva jibqa' japplika sal-14 ta' Diċembru 2022.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ([5]) telenka l-pajjiżi terzi li fil-każ tagħhom il-pjanijiet ta' kontroll dwar l-użu ta' sustanzi farmakoloġikament attivi, il-limiti ta' residwi massimi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi, il-livelli ta' residwi massimi ta' pestiċidi u l-livelli massimi ta' kontaminanti, li jissemmew fl-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 96/23/KE flimkien mal-Anness I ta' dik id-Direttiva, ġew approvati.

(6) L-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 jipprevedi li, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/625, il-kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti komposti għandhom jidħlu biss fl-Unjoni minn pajjiż terz inkluż fil-lista ta' pajjiżi terzi approvati għad-dħul fl-Unjoni tal-annimali li jipproduċu l-ikel jew tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum mill-bniedem ikkonċernati.

(7) F'ġieħ li jiġu żgurati t-trasparenza u l-konsistenza filwaqt li jiġi ffaċilitat id-dħul tal-kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni, il-listi kollha tal-pajjiżi terzi li huma meħtieġa biex jiżguraw li l-oġġetti jew l-annimali li jesportaw lejn l-Unjoni jkunu konformi mar-rekwiżiti relevanti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 meta jiddaħħlu fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni uniku. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2011/163/UE jenħtieġ li titħassar u l-lista stipulata fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiddaħħal fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405.

(8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat skont dan.

(9) Billi r-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 japplika mill-15 ta' Diċembru 2022, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika minn dik id-data wkoll.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2a li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 2:

"*Artikolu 2a*

Lista ta' pajjiżi terzi bi pjanijiet ta' kontroll approvati dwar l-użu ta' sustanzi farmakoloġikament attivi, pestiċidi u kontaminanti f'ċerti annimali li jipproduċu l-ikel u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem

1. Il-pjanijiet ta' kontroll għal sustanzi farmakoloġikament attivi, pestiċidi u kontaminanti, imsemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 (*), li tressqu lill-Kummissjoni mill-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom elenkati fit-tabella stipulata fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament, huma approvati għall-annimali li jipproduċu l-ikel u għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem immarkati b'"X" f'dik it-tabella.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

2. Il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, li talbu biex jiddaħħlu fil-lista msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 li iżda ma ressqux pjanijiet ta' kontroll għal sustanzi farmakoloġikament attivi, pestiċidi u kontaminanti u li, skont dik it-talba, beħsiebhom jużaw għall-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni materja prima biss jew minn Stati Membri inkella minn pajjiżi terzi oħra approvati għall-importazzjoni ta' tali materja prima fl-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, huma mmarkati b'"Δ", għall-ispeċi jew oġġett relevanti, fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament.

3. Il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, li talbu biex jiddaħħlu fil-lista msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 li iżda ma ressqux pjanijiet ta' kontroll għal sustanzi farmakoloġikament attivi, pestiċidi u kontaminanti għalannimali bovini, ovini/kaprini, porċini u ekwini, fniek jew pollam u li, skont dik it-talba, beħsiebhom jesportaw prodotti komposti fl-Unjoni billi jużaw prodotti tal-annimali proċessati minn dawk l-ispeċijiet miksuba minn Stat Membru jew minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu li għandu fis-seħħ pjanijiet ta' kontroll għal sustanzi farmakoloġikament attivi, pestiċidi jew kontaminanti huma mmarkati b'"O", għall-ispeċijiet koperti mit-talba, fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament.

4. Il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, li talbu biex jiddaħħlu fil-lista msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, li huma mmarkati b'"X" fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-kategoriji "akkwakultura", "ħalib" jew "bajd" u li, skont dik it-talba, beħsiebhom jipproduċu prodotti komposti, huma mmarkati wkoll b'"O", għall-bqija ta' dawn il-kategoriji mhux immarkati b'"X", fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament.

5. Il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, li talbu biex jiddaħħlu fil-lista msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, li huma mmarkati b'"X" fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-kategoriji "bovini", "ovini/kaprini", "porċini", "ekwini", "pollam", "akkwakultura", "ħalib", "bajd", "fniek", "kaċċa selvaġġa" jew "kaċċa mrobbija" u li jipproduċu prodotti komposti bi prodotti proċessati derivati minn molluski bivalvi li joriġinaw jew fi Stati Membri jew f'pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom elenkati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament, huma mmarkati wkoll b'"P" fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament.

_____

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta' Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 1).";

(2) fl-Artikolu 3, il-kelmiet "u elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE" huma sostitwiti mill-kelmiet "u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament";

3. fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-kelmiet "u elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE" huma sostitwiti mill-kelmiet "u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament";

(4) fl-Artikolu 7, l-ewwel paragrafu, il-kelmiet "u elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE għall-'bajd'" huma sostitwiti mill-kelmiet "u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-'bajd'";

(5) fl-Artikolu 10, it-tieni paragrafu, il-kelmiet "u elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE" huma sostitwiti mill-kelmiet "u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament";

(6) fl-Artikolu 11, il-kelmiet "u elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE għall-'budellat'" huma sostitwiti mill-kelmiet "u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-'budellat'";

(7) fl-Artikolu 15, il-kelmiet "u elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE għall-'ħalib'" huma sostitwiti mill-kelmiet "u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-'ħalib'";

(8) fl-Artikolu 16, il-kelmiet "u elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE għall-'ħalib'" huma sostitwiti mill-kelmiet "u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-'ħalib'";

(9) fl-Artikolu 21, il-kelmiet "elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE għall-'għasel'" huma sostitwiti mill-kelmiet "u elenkati fl-Anness -I għall-'għasel'";

(10) fl-Artikolu 25, il-punt (a), il-kelmiet "u elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE meta applikabbli" huma sostitwiti mill-kelmiet "u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament, fejn applikabbli";

(11) fl-Artikolu 25, il-punt (c), il-kelmiet "u elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE meta applikabbli" huma sostitwiti mill-kelmiet "u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament, fejn applikabbli";

(12) it-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament huwa mdaħħal bħala l-Anness -I qabel l-Anness I.

Artikolu 2

Tħassir

Id-Deċiżjoni 2011/163/UE hija mħassra.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-15 ta' Diċembru 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS -I

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom bi pjanijiet ta' kontroll approvati għal ċerti annimali li jipproduċu l-ikel u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem, kif imsemmi fl-Artikolu 2a, l-Artikolu 3, l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, l-Artikolu 7, l-ewwel paragrafu, l-Artikolu 10, it-tieni paragrafu, l-Artikoli 11, 15, 16, 21 u l-Artikolu 25, il-punti (a) u (c)

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz [1] jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwa-kultura [17]	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa selvaġġa	Kaċċa mrob-bija	Għasel	Budellati
AD	L-Andorra	X	X	Δ	X		P						X	
AE	L-Emirati Għarab Magħquda						Δ P	X [2] O	O				X [3]	
AL	L-Albanija		X				X [14] P	O	X					X
AM	L-Armenja						X [14] P	O	O				X	
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X [14] P	X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X		X		X M	X	X		X	X	X	X
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	X	X	X		X	X [14] P	X	X				X	
BD	Il-Bangladesh						X P	O	O					
BF	Il-Burkina Faso												X	
BJ	Il-Benin												X	
BN	Il-Brunei						X [15] P	O	O					
BR	Il-Brażil	X			X	X	X P	O	O				X	X
BW	Il-Botswana	X					P							
BY	Il-Belarussja				X [8]		X [14] P	X	X				X	X

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1]) jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwa-kultura ([17])	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa selvaġġa	Kaċċa mrob-bija	Għasel	Budellati
BZ	Il-Belize						X ([15]) P	O	O					
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X M	X	X	X	X	X	X	
CH	L-Iżvizzera ([7])	X	X	X	X	X	X ([14]) M	X	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċilì	X	X ([5])	X		X	X ([14]) M	X	O		X		X	X
CM	Il-Kamerun												X	
CN	Iċ-Ċina					X	X P	O	X	X			X	X
CO	Il-Kolombja						X P	X	Δ					X
CR	Il-Costa Rica						X P	O	O					
CU	Kuba						X ([15]) P	O	O				X	
DO	Ir-Repubblika Dominicana												X	
EC	L-Ekwador						X P	O	O					
EG	L-Eġittu													X
ET	L-Etjopja												X	
FK	Il-Gżejjer Falkland	X	X ([5])				X ([14]) P	O	O					
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X ([14]) P	O	O					
GB	Ir-Renju Unit ([6])	X	X	X	X	X	X ([14]) Δ M	X	X	X	X	X	X	X

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1]) jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwa-kultura ([17])	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa selvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
GE	Il-Georgia												X	
GG	Guernsey						O M	X	O					
GL	Greenland		X ([5])				M					X		
GT	Il-Gwatemala						X ([15]) P	O	O				X	
HK	Hong Kong						Δ P		Δ					
HN	Il-Honduras						X P	O	O					
ID	L-Indoneżja						X P	O	O					
IL	L-Iżrael ([4])					X	X ([14]) P	X	X				X	
IM	Isle of Man	X	X	X			X ([14]) M	X	O				X	
IN	L-Indja					O	X P	O	X				X	X
IR	L-Iran						X ([15]) X ([16]) P	O	O					X
JE	Jersey	X					M	X	O					
JM	Il-Ġamajka						M						X	
JP	Il-Ġappun	X		X		X	X ([14]) M	X	X				Δ	X
KE	Il-Kenja						X ([14]) P	O	O					
KR	Il-Korea t'Isfel					X	X M	O	O				Δ	
LB	Il-Libanu													X

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz [1] jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwa-kultura [17]	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa selvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
LK	Is-Sri Lanka						X P	O	O					
MA	Il-Marokk					X	X [14] Δ M	O	O					X
MD	Il-Moldova					X	X [14] P	X	X				X	
ME	Il-Montenegro	X	X [5]	X		X	X [14] P	X	X				X	
MG	Il-Madagascar						X P	O	O				X	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	X	X	X		X	X [14] P	X	X		X		X	
MM	Il-Myanmar						X P	O	O				X	
MN	Il-Mongolja													X
MU	Il-Mauritius						X [14] P	O	O				Δ	
MX	Il-Messiku			Δ			X P	O	X				X	
MY	Il-Malażja					Δ	X P	O	O					
MZ	Il-Mozambique						X [15] P	O	O					
NA	In-Namibja	X	X [5]				P				X			
NC	In-New Caledonia						X [15] P	O	O			X	X	
NG	In-Niġerja						X [15] P	O	O					
NI	In-Nikaragwa						X [15] P	O	O				X	

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz [1] jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwa-kultura [17]	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa selvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
NZ	New Zealand	X	X	O	X	O	X [14] M	X	O	O	X	X	X	X
PA	Il-Panama						X P	O	O					
PE	Il-Perù						X M	O	O					
PH	Il-Filippini						X P	O	O					
PK	Il-Pakistan													X
PM	Saint Pierre u Miquelon					X	P							
PN	Il-Gżejjer Pitcairn												X	
PY	Il-Paragwaj	X					P							X
RS	Is-Serbja	X	X	X	X [8]	X	X [14] P	X	X	X	X		X	X
RU	Ir-Russja	X	X	X		X	O P	X	X			X [9]	X	X
RW	Ir-Rwanda												X	
SA	L-Arabja Sawdija						X P	O	O					
SG	Singapore	Δ	Δ	Δ	X [10]	Δ	X [14] P	Δ	Δ		X [10]	X [10]		
SM	San Marino	X		Δ			O P	X	O				X	
SV	El Salvador												X	
SY	Is-Sirja													X
SZ	L-Eswatini	X					P							
TG	It-Togo												X	

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1]) jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwa-kultura ([17])	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa selvaġġa	Kaċċa mrob-bija	Għasel	Budellati
TH	It-Tajlandja	O		O		X	X M	O	Δ				X	
TN	It-Tuneżija						X ([14]) M	O	O					X
TR	It-Turkija					X	X ([14]) M	X	X				X	X
TW	It-Tajwan						X P	O	X				X	
TZ	It-Tanzanija						X ([15]) P	O	O				X	
UA	L-Ukrajna	X		X		X	X ([14]) M	X	X	X			X	X
UG	L-Uganda												X	
US	L-Istati Uniti	X	X ([11])	X		X	X M	X	X	X	X	X	X	
UY	L-Urugwaj	X	X		X		X ([14]) M	X	O		X		X	X
UZ	L-Użbekistan													X
VE	Il-Venezwela						X ([15]) P	O	O					
VN	Il-Vjetnam						X M	O	O				X	
WF	Wallis u Futuna												X	
XK	Il-Kosovo ([12])					Δ								
ZA	L-Afrika t'Isfel						P				X	X ([13])		
ZM	Iż-Żambja												X	

(1) Lista ta' territorji u pajjiżi terzi (mhijiex limitata għall-pajjiżi rikonoxxuti mill-Unjoni).
(2) Ħalib tal-ġemel biss.
(3) Ir-reġjun ta' Ras al Khaimah biss.
(4) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji taħt l-Amministrazzjoni tal-Istat ta' Iżrael mill-5 ta' Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet tal-Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.
(5) Speċi ovini biss.
(6) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.
(7) Skont il-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).
(8) L-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' ekwidi ħajjin għat-tbiċċir (annimali li jipproduċu l-ikel biss).
(9) Renni biss.
(10) Biss għal kunsinni ta' laħam frisk li joriġina minn New Zealand, destinat lejn l-Unjoni u li jinħatt, bil-ħżin jew mingħajru, f'Singapore u li jitgħabba mill-ġdid fi stabbiliment approvat matul it-tranżitu minn Singapore.
(11) Speċi kaprini biss.
(12) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo.
(13) Ratiti biss.
(14) Ħut bil-pinen biss.
(15) Krustaċji biss.
(16) Bajd tal-ħut u kavjar biss.
(17) L-akkwakultura tkopri l-ħut bil-pinen, inkluż is-sallur, u l-prodotti tal-ħut bil-pinen (bħall-bajd tal-ħut u l-kavjar) u l-krustaċji. Il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom elenkati fl-Anness VIII għall-molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati huma mmarkati b'"M" f'din il-kolonna."